MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 333/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177)**

**vs**

**Marco Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema il-bank attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ LM3257.03 (tlett elef mitejn seba u hamsin liri Maltin u tlett centezmi) lill-bank attur wara self in kwantu ghal LM84.16 dovut in konnessjoni ma l-ewwel kont kurrenti; LM 462.42 dovut in konnessjoni mat-tieni kont kurrenti; LM2374.41 in konnessjoni ma self u LM336.04 in konnesjoni ma dak li kien l-Visa Card Facility; u dan bl-imghax kif gej : imghax b’8% mit-28 ta’ Marzu 2002 in konnessjoni ma l-ewwel ammont ta’ LM84.16; imghax b’8% mis-16 ta’ Jannar 2001 in konnessjoni ma l-ammont ta’ LM 462.42; imghax

b’8% fuq l-ammont ta’ LM2374.41 mis-6 ta’ Jannar 2001; imghax b’8% fuq LM336.04 mis-27 ta’ Awissu, 2001;

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub sal-pagament finali, kontra il-konvenut illi gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut fis-7 ta’ Lulju, 2004; permezz ta’ liema huwa ammetta it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talbiet tal-bank attur u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur s-somma ta’ LM3257.03 (tlett elef mitejn seba u hamsin liri Maltin u tlett centezmi) bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------